MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1147/2002

**Manolita Bennallack**

**vs**

**Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tat-2 t'Ottubru 2003 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Hossam Ahmed Mohamed Mohamed**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet ikkuntrattaw bejniethom zwieg fil-forma Civili u dana fis-26 ta' Marzu 1997 fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta, skond l-anness certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dokument "A".

U illi kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-kunsens ta' l-attrici nkiseb l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ta' l-att taz-zwieg billi fost affarijiet ohra l-attrici tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg sabiex il-konvenut ikun jista' jakkwista c-cittadinanza Maltija u sabiex ikun jista' jghix hawn Malta legalment u dana versu hlas a favur l-istess attrici.

Illi f'kull kaz, u dejjem kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-imsemmi zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien zwieg ta' konvenjenza, u fil-fatt il-partijiet qatt ma ghexu flimkien u ghalhekk dan iz-zwieg qatt ma gie kkonsmat.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. M'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Onorabbli Qorti illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-forma Civili fis-26 ta' Marzu 1997 fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta huwa null u minghajr effett fil-ligi u dana a tenur ta' l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta u in difett;

2. M'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti tannulla l-istess zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-forma Civili fis-26 ta' Marzu 1997 fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta u dana a tenur ta' l-artikolu 19A ta' l-istess kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u l-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 15 t'Ottubru 2002 fejn talbet li jigu mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezetaw lill-konvenut fl-atti tal-kawza u fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-2 t'Ottubru 2003 fejn laqghet it-talba u nnominat lil Dr. Richard Sladden u lill-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat in-nota datata 29 ta' Settembru 2003 ta' l-attrici li biha pprezentat estratti ta' pubblikazzjonijiet li saru fil-gurnali lokali *ai termini* ta' l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12**.

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fid-9 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati tat-23 ta' Frar 2004 a fol. 28 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati a fol. 29 u 30 tal-process.

Rat il-verbal tal-21 t'April 2004 fejn il-Qorti estendiet it-termini ghall-prezentata ta' l-affidavits tal-partijiet b'ghoxrin gurnata ohra. Dr. Kevin Dingli ghall-attrici ddikjara li ma jafx fejn qieghed il-konvenut. Il-kuratur Dr. Richard Sladden irrimetta ruhu ghall-provi sakemm ma jkollux zviluppi mod iehor. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2004.

Rat in-nota ta' l-attrici datata 26 t'April 2004 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess, ta' Emanuela Bennallack u ta' Sharon Bray.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi min-naha l-ohra fl-**artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) u **"Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' repetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William**

**Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP).

Illi dwar l-**artikolu 19 A (1) tal-Kap 255** dan jipprovdi li:-

*"Iz-zwieg validu jista' jigi annullat fuq talba ta' parti mizzewga wkoll minhabba li l-parti l-ohra tkun irrifjutat tikkonsma l-istess zwieg".*

**<u>(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attrici wara li ta' tmintax-il sena kienet harget mill-istitut ta' San Awfrasja, kienet giet avvicinata minn certu Sharon Bray sabiex tizzewweg lill-konvenut u hi tithallas is-somma ta' hames mitt lira (Lm500). Tghid li kienet iffirmat xi karti f'dan ir-rigward u ghalkemm rega' bdielha giet ippressata mill-istess Sharon Bray u certu Joe Harrod u Maria Camilleri sabiex tkompli ghaddejja bil-ftehim milhuq, u jidher li l-attrici hekk ghamlet ghax fis-26 ta' Marzu 1997 izzewget bir-Registru lill-istess konvenut u bhala xhieda ta' l-istess kienu l-imsemmija Maria Camilleri u Sharon Bray. Qabel ic-cerimonja l-attrici tammetti li hadet il-kumplament tas-somma. Mal-konvenut l-attrici qatt ma ghexet u tghid li lanqas biss tafu, u llum ghamlet din il-kawza.

Illi din ix-xhieda tinsab ikkonfermata mill-istess Sharon Bray filwaqt li omm l-attrici tikkonferma kif saret taf li bintha zzewget.

Illi minn dan kollu jirrizulta li dan kien zwieg purament ta' konvenjenza u l-Qorti tirreferi ghal dak li nghad minnha diversi drabi fuq dan it-tip ta' suppost zwieg f'diversi sentenzi moghtija. Filwaqt li f'dan il-kaz jirrizulta bla ebda dubju li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255**.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li anke tichad it-tieni talba attrici, **tilqa' l-ewwel talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fil-forma Civili fis-26 ta' Marzu 1997 fir-Registru taz-Zwigijiet fil-Belt Valletta huwa null u minghajr effett fil-ligi u dana a tenur ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet filwaqt li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------